MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Diċembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 769/17LM

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

***vs.***

**Hamdi Fath Alla Mohammed El-Abbasi**
**(Karta tal-Identità bin-numru 23590A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-23 ta' Awwissu, 2017, minn **HSBC Bank Malta p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjeta' attriċi"), u maħluf mill-Avukat Ralph Agius Fernandez in rappreżentanza tal-istess, kif debitament awtorizzat, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-intimat ingħata self mill-Bank rikorrenti fl-ammont ta' sittin elf, sitt mija u erbgħa u tletin Euro (€60,634) ai termini ta' kuntratt magħmul in atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef (Att Nru 384/2012) tal-1 ta' Novembru, 2012 (kopja tal-att notarili qed jiġi anness bħala Dok. HSBC 1)[1];*

2. *Illi l-intimat effetwa biss żewġ pagamenti minimi (li ġew allokati għal interessi illi laħqu ddekorrew) u ma baqax jonora l-ħlasijiet miftiehma. Għaldaqstant ai termini tal-'General Conditions Regulating Loans', formanti parti mis-Sanction Letter tal-5 ta' Settembru, 2012 relattiva għall-facilità mogħtija, senjatament il-klawsola 10 – "Events of Default" (Dok. HSBC 2)[2], l-intimat tilef il-benefiċċju taż-żmien, b'dan illi huwa preżentement jinsab debitur tal-bank rikorrenti fl-ammont sħiħ misluf ta' sittin elf, sitt mija u erbgħa u tletin Euro (€60,634) mis-self oriġinarjament avvanzat u mgħaxijiet inkorsi;*

3. *Illi ma' din is-somma jeħtieġ illi jiżdiedu ammonti oħra konsistenti fi ħlasijiet dovuti rigwardanti assigurazzjoni tad-dar, liema ħlasijiet ġew effettwati mill-istess loan account li jgħajjat lill-intimat (Home Loan Account Numru 14199971) u allura żdiedu mal-ammont dovut, b'dan illi s-somma kapitali totali dovuta sad-data tal-istatement anness (14 ta' Awwissu 2017) tammonta għal sittin elf, tmien mija u tlieta u tmenin Euro u tletin ċenteżmu (€60,883.30) (ara Dok. HSBC 3)[3];*

4. *Illi inoltre huma dovuti interessi bit-3.2% jew rati verjuri ai termini tas-sanction letter (ara klawżola 2) u tal-kondizzjonijiet tas-self, u dan sas-17 ta' Settembru, 2014, mentri hemm dovuti interessi bit-8% fuq il-kapital minn dakinhar tat-18 ta' Settembru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament u dan insegwitu għall-ħruġ ta' ittra uffiċjali bin-numru 2888/14 li permezz tagħha d-debitur ġie debitament notifikat illi huwa kien iddekada mill-benefiċċju taż-żmien mogħti lilu u l-bilanċ intier tas-self, inkluż l-imgħaxijiet li akkumulaw, kien sar dovut kollu f'daqqa (Dok. 3 u Dok. 4)[4];*

[1] *A fol.* 9 sa 14.
[2] *A fol.* 15 sa 18.
[3] *A fol.* 19.
[4] *A fol.* 20.

5. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluż ittra uffiċjali mibgħuta lill-intimat nhar it-28 ta' Ġunju, 2013 (Dok. HSBC 5)*[5] *u dik ġjà msemmija ta' nhar is-17 ta' Settembru, 2014 l-intimat baqa' inadempjenti;*

6. *Illi dan id-debitu huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u sa fejn jaf l-esponenti l-intimati m'għandhom l-ebda eċċezzjoni x'iressqu kontra t-talba tal-esponenti għall-ħlas ta' dan il-kreditu, u għaldaqstant l-esponenti qiegħda titlob li din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa mis-smigħ fit-termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża fil-konfront tal-intimat;*

*Għaldaqstant, il-Bank rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex previa kwlasijasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna:*

*(i)* *Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa mis-smigħ a tenur tal-Artikou 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii)* *Tiddikjara illi l-intimat m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien;*

*(iii)* *Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-Bank rikorrenti fis-somma totali ta' tmienja u sebgħin elf, mitejn, tlieta u sittin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€78,263.84) f'ammont bilanċjali b'rabta mal-Home Loan Account Numru 14199971 dovut ai termini tal-kuntratt ta' self bejn il-partijiet, u konsistenti in kwantu għas-somma ta' sittin elf, tmien mija, tlieta u tmenin Euro u tletin ċenteżmu (€60,883.30) f'kapital u in kwantu għall-ammont ta' sbatax-il elf, tliet mija u tmenin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€17,380.54) f'imgħaxijiet ikkalkulati sal-14 ta' Awwissu 2017; u dan oltre imgħaxijiet legali ulterjuri bir-*

[5] *A fol.* 21 u 22.

*rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma hawn deskritt mill-15 ta' Awwissu, 2017 sal-pagament effettiv;*

(iv) *Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-bank rikorrenti s-somma totali ta' tmienja u sebgħin elf, mitejn, tlieta u sittin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€78,263.84) dovuta kif fuq deskritta; u dan oltre l-imgħaxijiet legali mill-15 ta' Awwissu sal-pagament effettiv;*

*B'riżerva għal kwalsiasi imgħaxijiet oħra u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali suċċitati u mibgħuta lill-intimat kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*[6]

Rat illi l-konvenut **Hamdi Fath Alla Mohammed El-Abbasi** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") ġie debitament notifikat bil-mezz tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, tant illi dan deher fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2017, assistit mill-avukat difensur tiegħu.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-10 ta' Novembru, 2017 fejn il-partijiet talbu differiment qasir mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tas-soċjetà attriċi *ai termini* tal-proċedura sommarja tal-giljottina.

Rat in-nota ta' ammissjoni ppreżentata mill-konvenut[7] fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2017, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti.

---

[6] Ġie esebit flimkien mar-Rikors Maħluf *a fol.* 7 u 8 l-affidavit tal-Avukat Ralph Agius Fernandez, fejn ikkonferma dak kollu li jinsab fir-Rikors Maħluf.
[7] *A fol.* 44 fejn il-konvenut iddikjara li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi għadu dovut minnu.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti, in vista tal-ammissjoni tal-konvenut qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**(1) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba in vista tal-ammissjoni tal-konvenut;**

**(2) Tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut Hamdi Fath Alla Mohammed El-Abbasi jħallas lis-soċjetà attriċi HSBC Bank Malta p.l.c. is-somma ta' tmienja u sebgħin elf, mitejn, tlieta u sittin Euro u erbgħa u tmenin ċentezmu (€78,263.84) bl-imgħaxijiet legali ulterjuri mill-15 ta' Awwissu, 2017 sal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tat-28 ta' Ġunju, 2013 u tas-17 ta' Settembru, 2014.**

Moqrija.